**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta’ nhar il-Gimgha, 23 ta’ Marzu, 2001**

**Numru**

**Avviz. numru 1657/00JR**

**Anthony Mercieca**

**vs**

**Joanne u Francis Catania**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta’ Settembru, 2000, fejn intalab il-hlas ta’ mija u tmien liri Maltin (Lm108.00) bhala danni li l-konvenuta kkagunat lill-attur meta fil-15 ta’ Gunju, 2000, ippermettiet l-ilma tal-hasil jinzel mill-gallarija taghha fuq il-proprjeta` ta’ l-attur fejn kellu l-merkanzija biex b’hekk saritilha hsara;**

**Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja tal-21 ta' Gunju, 2000, u ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' dan l-avviz.**

**Ra r-risposta tal-konvenuta prezentata fil-21 ta' Novembru, 2000, fejn intqal:**

i. **Illi t-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attur stante li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan peress li huwa inkoncepibbli li ilma tal-hasil jista' jikkawza hsarat konsistenti f'perkolazzjoni ta' ilma tant li kkawza hsarat fil-merkanzija proprjeta` ta' l-attur, specjalment in vista tal-fatt li bejn il-fold tal-konvenuti u dak ta' l-attur hemm garaxx li qieghed livell mat-triq;**
ii. **Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-attur ghandu jindika kif wasal ghall-ammont mitlub fl-istess talba;**
iii. **Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi.**

**Semgha x-xhieda ta' Anthony Mercieca, Saviour azzopardi, Joanne Catania, u Joseph Cauchi. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Din il-kawza hija ghall-danni li allegatament saru fuq merkanzija ta' l-attur minhabba ilma li pperkola mill-gallarija tal-konvenuti.**
2. **Jirrizulta li l-konvenuti ghandhom il-gallarija taghhom sovrastanti l-parapett ta' l-attur, kif muri fir-ritratt Dok.JC1.**

**3. It-Tribunal jibda biex jirrileva li f'din il-kawza ttella' jixhed Saviour Azzopardi, li pero` irrizulta li mhux kredibbli. Dan ix-xhud donnu ma ftakar xejn dwar il-kaz, ghalkemm gar tagghom u kien prezenti. Kull ma seta' jghid li sema' lill-partijiet jghajjtu.**

**4. Bhala fatti jirrizulta li l-attur kien jipparkja l-van faccata tal-parapett, u jhott il-merkanzija fil-parapett mal-art, kif muri fir-ritratt Dok1. Fil-15 ta' Gunju, 1999, meta hu kellu l-merkanzija barra fuq il-parapett, il-konvenut jghid li ra ilma gej mill-gallarija tal-konvenuti. L-ilma allegatament iddanngejalu l-artikoli tal-gild li kellu, inkluzi portmonijiet u boroz, skond ma jirrizulta mid-Dok.AM. Il-konvenuta tichad dan u tghid li kull ma kellha kienet kamoxxa maghsura.**

**5. It-Tribnual qed jaghti aktar affidabilita` ghall dak li qal l-attur. Jirrizulta li dak in-nhar il-konvenuta kienet qed tinnaviga bl-ilma. Il-konvenuta kienet fi dmira li qabel ma taqbad u titfa xi ilma, jew anke tghasar xi ilma, tara x'kien hemm tahta. Ma hemmx dubbju li l-ghazla ta' l-attur li jifrex il-borz u l-portmonijiet fil-parapett hi ghazla xejn felici, u dana jehtieg li jwaqqaf din id-drawwa, ghaliex sa certu punt hu qed jesponi lilhu nnifsu. Ghalhekk anke jekk ghad-danni in kwistjoni kienet tahti l-konvenuta hemm certa kontributorjeta da parti ta' l-attur u ghalhekk it-tribunal hu tal-fehma li ghandu jimmitiga dwar il-quantum tad-danni.**

6. **Mill-invoice esebit jirrizulta li d-dani subiti jammontaw ghall-mija u tmien liri Maltin. In vista ta' dak li ntqal it-Tribunal qed jirriduci dan l-ammont ta' danni bi kwart in vista tal-kontributorjeta`. Ghalhekk id-danni li hu intitolat ghalihom l-attur jammontaw ghall-wiehed u tmenin lira Maltija (Lm81.00).**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' wiehed u tmenin lira Maltija (Lm81.00) mitejn disgha u tletin lira Maltija u hames centezmi (Lm239.05), bl-imghaxijiet legali dekorribbli mil-lum.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja tal-21 ta' Gunju, 2000, u ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' l-avviz, ghandhom jigu sopportati in kwantu ghall tlett kwarti mill-konvenuta u kwart mill-attur.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**